# Diwi mill-Kampnari

***Sensiela ta' Ġrajjiet u Tagħrif dwar Qniepen f'Birkirkara miġjubin f'isem il-Kummissjoni Kampanisti tal-Kolleġġjata Elenjana***



**Philip Xuereb**

**Is-Seklu XVI**

Illum kulħadd jaf li fil-kampnari tal-Kolleġġjata u Bażilika ta' Sant'Elena ta' Birkirkara hemm seba' qniepen u li l-kbira fosthom, li saret ħamsa u tmenin sena ilu, għadha l-akbar qanpiena li hawn f'xi knisja f'Malta. Imma f'madwar erba' mitt sena ta' storja dokumentata, u meta wieħed iqis li fl-istess perjodu kien hawn xejn anqas minn tliet knejjes parrokkjali, u naturalment kampnari differenti, l-istorja tal-qniepen hawn hija waħda interessanti u kultant, kif ser naraw, movimentata wkoll.

L-eqdem qanpiena li għad għandna f'Malta hi dik li ġġib l-isem *Petronilla*, għal San Pietru, li tinsab fil-Katidral tal-Imdina. Din kienet saret f'Venezja fl-1370 u naturalment sat-terremot tal-1693, kienet fil-kampnar tal-katidral il-qadim, dak medjevali.[1] Mhux magħruf jekk f'dak iż-żmien kienx hemm qniepen fi knejjes oħra f'Malta, anki parrokkjali, għalkemm dan mhux eskluż.

L-ewwel tagħrif li għandna dwar qanpiena f'Birkirkara jmur lura lejn nofs is-Seklu Sittax, is-Seklu tal-Assedju l-Kbir, u s-Seklu li fi tmiemu Birkirkara rat bħala Kappillan tagħha lil Dun Filippu Borg. Kien is-Seklu li fih il-Parroċċa kienet għada fil-limiti oriġinali, u kellha għadd ta' kappillani li kienu, wieħed jista' jgħid bla tlaqliq, mhux biss rgħibin, imma wkoll imqarbin sew. Hawn ser nagħtu titwila lejn il-ġrajjiet u ċ-ċirkustanzi tal-ewwel qanpiena li kien hawn f'Birkirkara u li nstab tagħrif dwarha.

**Il-Kappillan Dun Ġwann Mattew Camilleri**

Wieħed mill-Kappillani mill-aktar *imqarbin* li kellha Birkirkara fis-Seklu Sittax kien bla dubju Dun Ġwann Mattew Camilleri.[2] Sa minn qabel ma beda, il-*parrokat* ta' Camilleri kien wieħed mimli kunflitti, mhux biss fuq livell lokali iżda wkoll mal-ogħla livelli tal-ġerarkija ekkleżjastika Maltija. L-ewwel nett, Ġwann Mattew Camilleri kien kiseb il-parrokat fl-1543, meta kien għadu ma sarx Saċerdot, permezz ta' Bolla Appostolika li kisiblu missieru, in-nobbli Nikola.

Dan kien darras lil ħafna fosthom lill-Isqof Domenico Cubelles għaliex Camilleri kien għadda minn fuq rasu kif ukoll lill-Vigarju Ġenerali Ġużeppi Manduca. Kien sar ħafna ostruzzjoniżmu u kawżi biex il-Bolla ma tkunx esegwita. Jidher li dik il-ħabta, ħafna qassisin kien ikollhom għajnejhom fuq il-Parroċċa ta' Birkirkara għax kienet waħda li tirrendi. Dak iż-żmien, nobbli u sinjuri kienu jfittxu li jiksbu karigi importanti u li finanzjarjament jirrendu għal uliedhom is-subien. Dan kien isir biex ikabbru l-prestiġju tal-familja. Hekk, fl-aħħar mill-aħħar, fl-1549, Ġwann Mattew Camilleri kiseb il-Parroċċa ta' Birkirkara, sar qassis u kellu wkoll tifel li semmih Ascanio. Ċerti kappillani, bħal Dun Ġwann Mattew, minflok jieħdu ħsieb il-Parroċċa huma, kienu speċi jwelluha lil xi qassis ieħor.

---

1 Charlene Vella, *New Light on Petronilla, the Oldest Bell in Malta* f'*Melita Historica*, 2008, Vol. XV, no. 1, 49-54. Għalkemm kif għad naraw il quddiem, jista' jkun li f'Birkirkara stess hawn qanpiena żgħira li hi eqdem.

2 It-tagħrif dwar dan il-Kappillan hu bbażat l-aktar fuq E. Buttigieg: *op. cit.* 34 et seq. u Vincent Borg, *Melita Sacra II – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century*, (2009), 238-240.

**Il-Ħbit tat-Torok tal-1551**

Ma kienx ilu wisq Kappillan meta f'Lulju tal-1551, Malta ġarrbet invażjoni minn qawwa Torka immexxija mill-Baxà Sinan u Dirgħut Rais. Dawn kienu għamlu ħerba minn Birkirkara huma u telgħin għall-Imdina u mbagħad għamlu ħerba minn Għawdex. Minħabba n-nuqqas ta' kura tiegħu, il-knisja parrokkjali ta' Birkirkara spiċċat bla abiti liturġiċi, tant li ma kien baqa' xejn għall-amministrazzjoni tas-Sagramenti, anqas sempliċi spellizza. Għalhekk f'April 1553, il-Vigarju Ġenerali ordna lill-Viċi-Parroku biex jieħu ħsieb li jsiru l-abiti sagri meħtieġa a spejjeż ta' Dun Camilleri.

Imma xahar biss wara l-invażjoni msemmija, f'Awwissu tal-1551, il-Kappillan Camilleri ntefa' l-ħabs fuq ordni tal-Isqof. Matul dik is-sena, kien ilu jinġema' l-inkwiet bejnu u bejn il-Viċi tiegħu, Dun Ġakbu Calleja, li kien qed jinsisti għall-ħlasijiet dovuti lilu tas-servizz li kien qed jagħti fil-Parroċċa. F'Ġunju 1551, Dun Camilleri daħal f'tilwima mal-Kappillan ta' Ħal Qormi, u nsista li dan kien mar oltre l-ġurisdizzjoni tiegħu meta ċċelebra Quddiesa fil-knisja ta' Sant'Iermu[3] mingħajr permess tiegħu. Camilleri kien jikkontendi li l-knisja ta' Sant'Iermu kienet fil-limiti tal-Parroċċa tiegħu.

**Passi kontrih mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi**

Fl-1552, l-awtoritajiet tal-Knisja ħadu miżuri kontrih għax kien mixli b'ħajja bla rażan, b'konkubinaġġ, inċest u stupru. Għall-ewwel, il-Kurja ma kinitx iebsa miegħu bit-tama li jbiddel ħajtu. Biss f'Marzu ngħatatlu sentenza li kellu jqis ir-residenza tiegħu bħala ħabs taħt piena ta' għoxrin uqija. F'April ingħatatlu projbizzjoni biex ma jibdilx affarijiet li kienu propjetà ta' ħaddieħor. Jidher li l-Kappillan Camilleri kien involut fin-negozju imma b'tali mod li kien japproprja ruħu mill-ħwejjeġ ta' ħaddieħor. Ingħata kundanna bħal tax-xahar ta' qabel iżda issa bil-piena ta' ħamsa u għoxrin uqija. Ix-xahar ta' wara, f'Mejju, illaxkawlu l-piena b'tali mod li Malta kollha kellha tkun ħabs għalih.

F'Awwissu tal-1552, il-Kurja insistiet miegħu li jsib Qassis minfloku, a spejjeż tiegħu, biex in-nies tal-Parroċċa ta' Birkirkara jingħataw kura pastorali. Dun Camilleri ma tax kas u sitt ijiem wara, il-Vigarju Ġenerali għarrfu li jekk ma jagħmilx kif ordnat, il-Vigarju nnifsu kien ser jiddeċiedi l-ħlas li kellu jingħata lill-Qassis li kellu jagħżel minfloku.

Fl-24 ta' Settembru 1553, wella l-Parroċċa lil Dun Anton Micallef[4] bil-kundizzjoni li Camilleri jżomm id-dar tal-Kappillan għalih u li Micallef jagħtih disa' uqijiet fis-sena. F'Diċembru, Camilleri kien għadu l-ħabs imma reġgħu llaxkawlu l-piena u seta' jmur fil-Parroċċa. Fl-istess sena, Dun Anton, minn fuq l-altar, akkuża lil Camilleri bi stupru u inċest. Dun Ġwann Mattew fetaħlu kawża li telgħet quddiem il-Vigarju Ġenerali Manduca. Dan kien ostili għalih u għalhekk, Camilleri beża' li dan ma jagħtix kas jew iwarrab l-akkużi li kien għamel lil Micallef. Għalhekk Dun Ġwann Mattew appella quddiem l-Isqof Metropolitan ta' Palermo.



*Affreski ta' Matteo Perez D'Alecci dwar l-Assedju l-Kbir fil-Palazz il-Belt. Birkirkara tidher bil-knisja li fuq il-faċċata tagħha hemm kampnar żgħir. Madankollu, mhux bilfors li l-immaġni turi verament kif kienet.*

3 Dan kien qabel ma nbena l-forti u qabel inbniet il-Belt Valletta.

4 Fl-1552, missier Dun Ġwann Mattew, f'isem ibnu, kien għamel ftehim simili għal sentejn ma' Dun Leonardu Micallef. Ara Vincent Borg, *Melita Sacra II – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century* (2009), 339.

## Qanpiena li Swiet Inkwiet

Inqala' inkwiet ieħor li fih ġew involuti direttament, u batew minħabba fih, in-nies ta' Birkirkara. Bi ftehim li kien sar fl-14 ta' Ġunju 1553, Camilleri kien ordna qanpiena għall-knisja mingħand l-imgħallem Ġwanni de Arena li kien armat il-Birgu. Wieħed irid jiftakar li dan ma kienx wisq wara l-ħbit ta' Dragut tal-1551, meta t-Torok kienu ħarbtu r-raħal, u wara li Camilleri kien ordnat jipprovdi l-affarijiet meħtieġa għall-kult peress li kien intilef kollox fil-ħbit minħabba t-traskuraġni tiegħu. Dan jista' jfisser ukoll li seta' kien hemm xi qanpiena oħra li kienet razzjata fil-ħbit tal-1551. Biss din il-qanpiena tal-1553 hija l-ewwel waħda li nafu biha fiż-żgur f'Birkirkara.

Din il-qanpiena kellha tkun tiżen qantarejn, jiġifieri, madwar mija u erbgħin kilogramm u tiswa l-prezz ta' għaxar uqijiet kull qantar. Iżda dil-qanpiena ħarġet tiżen ħmistax-il ratal jew tnax-il kilogramm aktar. Il-Prokuraturi tal-knisja ma ridux iħallsu aktar mis-somma li kienet miftehma. Għalhekk saret kawża fil-Qorti tal-Isqof u f'Marzu tal-1554, din il-Qorti kienet ordnat lill-Kappillan Camilleri sabiex iħallas lil de Arena ta' din il-qanpiena. Iżda Camilleri kkontenda li l-ordni kienet nulla għax kien appella f'Qorti ogħla tal-Knisja Metropolitana f'Palermo.

Ġara, madankollu, li de Arena, b'sebgħa min-nies armati, kien mar Birkirkara u bi vjolenza, kien ġiegħel lin-nies iħallsu lilu l-primizji li kien imisshom jagħtu lill-Kappillan Camilleri. Kienu tefgħu ġewwa l-bibien tad-djar u ħadu kulma dehrilhom, saħansitra l-friex. Dak li ħadu n-nies ta' de Arena kien jiswa aktar minn dak li kellu jieħu.[5]

## Tmiem Ikrah għal Camilleri

Ir-relazzjoni bejn il-Kappillan Camilleri, qassisin oħrajn u n-nies tal-Parroċċa, biex ma nsemmux il-Vigarju u l-Isqof, kienu sejrin mill-ħażin għall-agħar. Hu rrapurtat li dan tal-aħħar saħansitra kien qal li kien lest li jagħti l-Parroċċa ta' Birkirkara lill-ewwel persuna li tmur tgħidlu li Camilleri kien mejjet. U dan ġara fil-15 ta' Awwissu 1557.

Skont ma xehed ibnu Ascanio quddiem l-Inkwiżitur Dusina tmintax-il sena wara, xi nies kienu daħlu f'darhom, semagħhom jgħidu li riedu joqtlu lil missieru u li jekk hu, Ascanio, kien jinduna, kellhom joqtluh ukoll. 'L għada filgħodu, Ascanio kien sab lil missieru mejjet fil-bir:

> *Jien u missieri konna fis-sodda. Jien ma kontx rieqed u kelli xemgħa żgħira. Il-kmamar kienu fuq f'ras it-taraġ. Smajt ħsejjes fid-dar u min jitkellem bil-Malti... xi barranin kienu daħlulna fid-dar. Smajthom jgħidu bil-Malti, 'Ejja noqtluh lil dal-ħmar'. Imbagħad smajt għal darb'oħra bil-Malti, 'Għandu tifel, u jekk dan jismagħna jew jarana, ikollna noqtluh'. Dal-kliem beżżagħni u ħawwadni sakemm ma ħadnix in-ngħas... 'L għada filgħodu qajjimni taħbit fuq il-bieb. Meta ħriġt fuq is-setaħ rajt lil Mastru Wistin Calleja li kif rani telaq 'l hemm sodisfatt. Bdejt insejjaħ lil missieri, iżda weġbitni waħda jisimha Monica, li kienet tieħu ħsieb il-lampa fil-kanċell tal-knisja. Qaltli, 'Mur sal-bir u ssibu lil missierek'.*

Fost l-implikati kien hemm Dun Ġakbu Calleja, li Ascanio xehed li kienu qalulu li tgħidx kemm deher kuntent li Dun Ġwann Mattew Camilleri kien mejjet, u Mastru Wistin Calleja. Ascanio qal ukoll li meta l-awtoritajiet tal-Imdina marru Birkirkara, l-Isqof kien ordna li l-mejjet jitħalla fil-bir. Ma jidhirx li ttieħdu xi passi kontra Calleja iżda Mastru Wistin Calleja kien ingħata sentenza ta' ftit jiem il-ħabs.

Għalkemm illum wieħed ma jistax jikkonferma, madankollu, fiċ-ċirkustanzi msemmija, ma naħsibx li l-qanpiena ndaqqet għall-mewt tal-Kappillan Ġwann Mattew Camilleri meta jidher li kulħadd ried jeħles minnu. Aktar huwa probabbli li l-istess qanpiena ndaqqet nhar it-18 ta' Mejju ta' tminn snin wara, biex tagħti n-nafra lill-Karkariżi għall-wasla tal-armata Torka fl-Assedju l-Kbir tal-1565.

---

5 Emanuel Buttigieg, *Church Bells and Street Fighting: Birkirkara and Don Joannes Matteo Camilleri (1545–57)* fi *Storja 2003-2004* (Malta, 2003), 34-44.